SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLETTAX**

**3 ta' Awissu, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-5.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Joseph Agius (għal parti mil-laqgħa), il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis u l-Kunsilliera Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia.

**APOLOĠIJI** (Skont Ord Perm 14 (3))

Is-Sindku Joseph Agius minħabba mpenji.
Il-Kunsillier Rita Saliba minħabba mard.
Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat tal-Kappara Dr Frank Bartolo avża li ser jattendi tard minħabba xogħol (verbalment).

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

a Il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis ippresjeda.

b Fil-bidu tal-laqgħa, l-Kunsillier David Dalli talab is-sospenzjoni tar-regolamenti sabiex jagħmel stqarrija.

ċ Il-Kunsillier Dalli qal li persuna qed tagħmillu malafama u li waslitu biex bagħat *email* u rrinunzja mill-karigi li kellu minħabba każ li seħħ fejn ma ngħatax id-dettalji tal-persuna li għamlet dan l-ilment fuqu.

d Il-Kunsillier David Dalli ħass li sakemm jiġi riżolt dan, hu ma kienx f'pożizzjoni li jibqa' fil-laqgħa u għaldaqstant skuża ruħu.

e Il-Kunsillier David Dalli ħareġ mil-laqgħa. (5.40pm)

f Mistoqsi, s-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsill biċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll kif hu kien għadda d-dettalji lis-Sindku u dan infurmah li kien ser iċempel hu personalment lil din il-persuna bil-għan li ssir laqgħa sabiex jiġi riżolt il-każ. Stqarr li ma kienx ġie nfurmat jekk tali laqgħa seħħitx.

ġ Imqajjem mill-ġdid il-każ tal-Kunsillier Violet Bajada fir-rispett ta' fotokopji tad-dokumenti tal-Kunsill peress li hi *computer illiterate*, il-Viċi Sindku qal li se jara x'jista' jsir.

ħ Kien imsemmi l-metodu li bih jiġu trattati **"~~l-ilmenti~~" "d-deċiżjonijiet"** fejn kien attribwit li l-membri ta' l-istaff tal-*customer care* ma jkunux jafu x'qed jiġi deċiż.

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

i Il-Viċi Sindku semma li l-informazzjoni hi xi ħaġa li kontinwament mixja u li l-membri tal-istaff għandhom jistaqsu lis-Segretarju Eżekuttiv dwar xi dubbji li jista' jkollhom. Is-Segretarju Eżekuttiv semma d-diversi metodi ta' kommunikazzjoni nterna, nkluż l-aċċess għall-*email* ġeneriku mill-membri kollha tal-istaff. Finalment, il-Viċi Sindku stqarr li l-ilmenti tal-Kunsill jiġu trattati skond il-kriteriji, u se jara sabiex fejn ikun hemm possibilta' is-servizz jitjieb.

j F'dan l-istadju daħal fil-laqgħa s-Sindku Joseph Agius. (6.05pm)

k Issemma wkoll ilment dwar lampa tad-dawl tat-triq li kienet ilha maqtugħa għal żmien twil fi Triq Salvu Busuttil, fejn wara li ngħata rendikont mill-Viċi Sindku ta' kif topera s-sistema kif ukoll kienu ppreżentati dokumenti li l-Kunsill kien infurmat li dan ix-xogħol twettaq, il-Viċi Sindku ta *ruling* li ma kienx jara li kien hemm xi

nuqqasijiet amministrattivi u jekk xejn issir verifika mal-*Contracts Manager* responsabbli.

l Kien imsemmi wkoll illi l-każ tal-qtugħ ta' linja tat-telefon fl-uffiċċju użata l-iktar għal *outgoing calls* peress li ma kienx sar il-ħlas anke wara li kienet mibgħuta lil Kunsill ittra ta' twissija, fejn kien iċċarat li dan kien seħħ minħabba li ma kienx hemm approvazzjoni tal-kontijiet mill-Kunsill kif ukoll li s-sitwazzjoni hi issa għan-normal. **"Il-Kunsillier Neville Mallia qal li dan ma kienx korrett għax kien *file* sħiħ b'kontijiet mgħoddija mill-Kunsill u mhux imħallsa."**

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

m Isemma wkoll il-każ fejn pagamenti qed idumu ma jsiru għalkemm ikunu approvati mill-Kunsill, fejn kien iċċarat li l-pagamenti jsiru wara li jkun hemm l-approvazzjoni tal-iskeda mill-Kunsill kif ukoll skont il-fondi disponibbli, fejn ġie stabbilit li jkun hemm flus għas-salarji u għal kuntratturi tas-servizzi bażiċi. **"Il-Kunsillier Marica Bayliss riedet tkun taf jekk il-Kunsill jistgħax jgħaddi kontijiet u ma jħallashomx. Il-Viċi Sindku wieġeb li biex il-Kunsill jagħmel xogħlijiet ikollu l-fondi għalihom. Min-naħa l-oħra, argumentat li qed ngħidu li qed naqtgħu id-dejn u ma nħallsux kontijiet ġodda. Dan barra li hemm kontijiet mhux imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti."**

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

n Il-Kunsillier Marica Bayliss ressqet proposta biex tinkiteb ittra fejn tintalab investigazzjoni dwar l-operat kollu tal-Kunsill, liema proposta kienet issekondata mill-Kunsillier Joan Farrugia.

o Fis-6.25pm, is-Sindku u l-Viċi Sindku semmew li ser issir sospenzjoni tal-laqgħa għal ftit minuti sabiex ikun jista' jingħata *ruling* jekk is-seduta kinitx iddevjat mill-aġenda. Il-laqgħa tkompliet fis-6.40pm.

p Ingħata mis-Sindku u l-Viċi Sindku dan ir-*ruling*:

q "*Il-proposta magħmula mhux kif suppost tiġi ppreżentata. Iżda, aħna (Is-Sindku u l-Viċi Sindku) non estante dan, ser nieħdu l-inkarigu sabiex* ***"~~isir rendikont~~" "issir investigazzjoni"*** *dwar* ***"qlajjiet tal-"*** *l-operat kollu tal-Kunsill u d-Dipartiment jieħu azzjoni u li malli joħroġ ir-rapport, dawn l-argumenti jieqfu*."

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

r **“Il-Kunsillier Neville Mallia ma qabilx mal-kelma “qlajjiet” u ġiet irtirata mis-Sindku u l-Viċi Sindku u minflok iddaħlet il-kelma “allegazzjonijiet”.”**

**Emendata Laqgħa 14 kontinwazzjoni 1**

s Il-laqgħa kienet sospiża fis-6.45pm u l-aġġornament tal-laqgħa ingħata għal ħmistax-il ġurnata jew xi ġurnata qabel.

Konfermati, illum **1 ta’ Novembru** ~~Ottubru~~, 2010

~~Etienne Bonello Du Puis~~ **David Dalli***
~~Sindku~~ **Viċi Sindku**

Adrian Mifsud
Segretarju Eżekuttiv

*(peress li s-Sindki kien skużat mil-laqgħa numru 14 (kont. 1) tal-1 ta’ Novembru, 2010)